Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Ġunju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carlo Ellul)**

**vs**

**Silvio Pace**

**Raymond Barbara ta' 30 sena, iben Alfred u Lucija nee Demanuele, mwieled Rabat (Malta), fil-21/05/70, u joqghod Blokk M, Flat 2, Triq Znuber, Santa Lucija, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 219670 (M).**

**Silvio Pace ta' 32 sena, iben Joseph u Victoria nee Pisani, mwieled Pieta' fil-21.11.68 u joqghod Blokk J, Flat 5, Bini tal-Gvern, Hamrun, Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**

**477468 (M).**

Il-Qorti,

(1) Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Raymond Barbara u Silvio Pace li gew akkuzati talli nhar l-14 ta' Jannar, 2001, ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu (01.30 hrs), fi Blokk J, go Housing Estate, Hamrun, minghajr hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw griehi ta' natura gravi (per natura) fuq il-persuna ta' Loreto Bonello, hekk kif iccertifikat mit-Tabib Anton Briffa, dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kap 9.
(2) Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza, jew hebbew u kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 275 Dimech u PC 991 Fabri, persuni li huma nkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghal ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti. Dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(3) Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jimmy Bonello, dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.
(4) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisru l-bon ordni u l-paci pubbliku u qalu kliem oxxen jew indicenti jew offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika, dan bi ksur tal-artikoli 338 (bb) u (dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(5) Lil Raymond Barbara wahdu akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu f'idejh sikkina, minghajr licenzja tal-pulizija, dan bi ksur tal-artikolu 13 tal-Kap 66.
(6) Lil Silvio Pace wahdu akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datati 15/10/97, 16/03/99, 02/10/98 u 13/01/2000, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-avukat generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji. ( a fol 6), rat ukoll li l-akkuzat  ma kellu ebda ogezzjoni  ghal tali proceduri u li kien irrisponda li hu mhux hati ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li fis-seduta tal-14 ta’ Frar, 2003 Raymond Barbara irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat bhala konsegwenza ta’ tali ammissjoni fl-imsemmja seduta sar is-separazzjoni ta’ gudizzju ta’ din il-kawza **konsegwentement din id-decizjoni hija biss fil-konfront ta’ Raymond Barbara.**

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet in konront ta’ tali ammissjoni

Ikkonsidrat

Jirrizulta li ghal xi raguni mhux cara nqala xi nkwiet bejn l-ahwa Bonello u Silvio Pace u Raymond Barbara.  Jidher fil-fatt li kie hemm allejanza bejn l-akkuzati ‘din il-kawa kontra l-ahwa Bonello li nzertaw go festin fil-presenza ta’ mart l-akkuzat Pace li sussegwemet xehdet li l-glieda bejn dawn l-erba’ rgiel inqalghet ghalxejn, anzi kwazi kwazi tefghet it-tort kollu fuq l-ahwa Bonello. Irrizulta wkoll mix-xhieda tal-pulizia li l-istess Barbara anke waqt din il-glieda qabad sikkina f’idejh, mhux pero’ ghax kien fil-kcina biex isajjar, kif issuggeriet id-difiza b’mod fjakk, imma biex jattakka lil wiehed mill-ahwa Bonello. F’dan l-incident wegggha kemm Loreto Bonello kif ukoll b’mod leger PC275 Dimech u PC 991 Fabri.  Fi kwalunkwe kaz kif gia gie premess l-akkuzat Barbara rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u wara ezami tal-provi din il-Qorti m’ ghandha ebda raguni ghal ma taccettax l-istess ammissjoni.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 216, 96, 221, u 338 (bb) u 338 (dd)  u 17 tal-Kap 9, rat ukoll il-fedina penali ta’ l-akkuzat Barbara, tqis l-incident bhala wiehed serju, anke

stante li mix-xhieda jirrizulta li Barbara nonostanate l-presenza tal-pulizija anke ried ihebb ghal Bonello b’sikkina, pero’ ma tibghatux piena karcerarja effettiva, invece tikkundannah sena habs sospizi ghal sentejn, dan tenut kont tal-fatt tad-data ta’ l-ahhar kundanna u dan wara li rat l-artikoli 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat lil akkuzat is-sinifikat ta’ sentenza sospiza u l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti mill-istess.

--------------------------------TMIEM--------------------------------